# 'JJ' u ħalliena

Frans DEGUARA

Kont niltaqa' miegħu spiss fuq xi bank fil-pjazza. Jirrakkonta jew jgħid xi kelma ma' kulħadd, kbir u żgħir. Għax il-karatru tiegħu hekk kien. Jinnota kollox. Għalhekk kien kapaċi jitkellem fuq kollox. Dak li jogħġbu u anki dak li ma jogħġbux. Iżda dan l-aħħar kultant ħarstu kont naraha tgħarrex fil-bogħod... nimmaġina kien qed jara lill-għażiża martu Josephine tistennieh... u hekk ġara, għax nhar il-Ħamis, 5 ta' Lulju 2012, mar ħdejha fil-għomor ta' 84 sena.

L-aħbar ġriet malajr fil-Mosta. Il-'JJ' ħalliena. Għax hekk kien magħruf Joseph John Camilleri mal-Mostin, mal-ħbieb, mal-kollegi, mal-edukaturi, mal-awturi, insomma ma' kulħadd. Għax il-'JJ' kien twajjeb u ġentlom ma' kulħadd. Kien aktar midħla mal-Każin Santa Marija fejn għal xi żmien kien anki membru tal-Kumitat. U l-'JJ' ħalla t-timbru tiegħu bl-Oratorju 'Il-Għid tal-Assunta - Lilek Marija' - b'versi mirquma u mexxejja bil-mużika ta' Mro. Ray Sciberras fl-okkażjoni taċ-ċentinarju fl-2005.



Imma personalment dejjem rajt rispett kbir mingħandu. U kull meta kien jarani kien dejjem jistaqsini "jien tajtek artiklu hux?" U fil-fatt dejjem tani xi kitba tiegħu minn qalbu sa mill-2002. Kien bniedem ġeneruż. Kien kittieb prolifiku għax ippubblika aktar minn 10 rumanzi. Kellu żgur ħafna aktar mhux ippubblikati. Ħafna mill-kitba tiegħu kienet imsejsa fuq il-problemi soċjali tal-ħajja kwotidjana. Insemmu xi whud bħal 'Aħna Sinjuri', 'L-Għar tax-xitan', 'Is-Sejħa tal-Art' 'Luteru', 'Riħ ta' Siegħa', 'Kriżi ta' Mħabba, u tant oħrajn. Kien iħobb jikteb anki novelli u poeżji.

Ħaġa li kienet tolqotni kienet li l-artikli li kien jibgħatli kienu jkunu miktuba dejjem fuq xi biċċa karta antika u safra biż-żmien! Insomma forma oħra ta' 'riċiklaġġ'! U ħafna drabi miktuba anki bil-lapes. Nimmaġina li malli kienet tiġih il-muża kien jaqbad jikteb fuq dak li jsib quddiemu dak il-ħin. Kien iħobb iħallili l-kitba tiegħu jew il-Każin jew ir-Razzett tal-Markiż fejn konna niltaqgħu spiss għal xi attività. Darba tani artiklu jismu 'Kif Luteru kien iħares lejn il-Madonna' u qalli "hu ftit qawwi, ara inti meta taħseb li tista' tippubblikah". Infatti kien tahuli fl-2006 u kont ippubblikajtu fl-annwal 2009. Kien ħa pjaċir ħafna.

Fl-2005 kont stedintu biex jiġi jagħmel taħdita dwar il-Milied fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-wirja tal-presepji ta' ħija Raymond. Kien aċċetta minn qalbu u kien tana taħdita interessanti li semmiha kif kien iħobb l-aktar - 'Intietef'. Naturalment din kienet dwar il-Milied. Fl-2007 imbagħad kien tani l-versi ta' innu-marċ li kiteb b'dedika lill-Mostin għall-festa ta' Santa Marija. U s-Surmast Emanuel Spagnol wegħdni li kif ikollu ċans beħsiebu jimmużikah. B'hekk anki s-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard ikollna tifkira tal-maħbub 'JJ' Camilleri wkoll.

Kien kuntent ħafna bil-kontribuzzjoni għall-ktieb li ppubblikajna fl-okkażjoni tar-raba ċentinarju tal-Mosta bħala Parroċċa, 'Il-Mosta - Ġrajjietha u Niesha' (li tiegħu kont l-editur).



JJ Camilleri waqt it-taħdita tiegħu 'Intietef dwar il-Milied' fit-13 ta' Diċembru, 2005.



31 Awissu 2008

Ħabibi Frans.
Nifraħ lis-Soċjetà Nicolò
Isouard għall-ktieb li jfakkar
ir-raba' ċentinarju mit-twaqqif tal-
parroċċa tagħna. Intrapriża enormi li
ġie jeħma tiegħu l-aktar minn ta'
quddiem li qatt deher fil-lokal. Il-
mertu mingħajr ebda dubju jixraq
lilek, il-motor, l-impenn u l-
inizjattiva tiegħek fuq ir-riżultati
evidenti. Ħallieh il-prosit.
Nifraħlek għax jixraqlek.
Pubblikazzjoni li tagħmel unur lil
Mosta, is-Soċjetà Nicolò Isouard
u personalment lilek. Ilqa'
Frans l-awguri sinċieri tiegħi
ħierġin minn qalbi. Introssni
wkoll sodisfatt li tajt żgħir
kemm hu żgħir il-kontribut
tiegħi. Lest li ngħin fil-ħajja kollha
J. J. Camilleri

Kont tlabtu jiktibli xi ħaġa dwar il-Mosta tal-antik. U kien kitibli 'Il-Musta' ssir 'Mosta' fejn tana tagħrif interessanti immens dwar il-ħajja tal-antenati tagħna Mostin. Wara kien ktibli dawn l-preċiżi kelmiet fit-3 t'Awwissu, 2008:

*Ħabibi Frans,*

*Nifraħ lis-Soċjetà Nicolò Isouard għall-ktieb li jfakkar ir-Raba' Ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna. Intrapriża enormi li fil-fehma tiegħi l-aktar minn ta' quddiem li qatt dehru fil-lokal. Il-mertu ewlieni bla dubju jixraq lilek, il-moħħ, l-impenn u l-inizjattiva tiegħek taw ir-riżultati evidenti. Ħaqqek il-prosit. Nifraħlek għax jixraqlek. Pubblikazzjoni li tagħmel unur lill-Mosta, is-Soċjetà Nicolò Isouard u personalment lilek. Ilqa, Frans, l-awguri sinċieri tiegħi ġejjin minn qalbi. Inħossni wkoll sodisfatt li tajt, żgħir kemm hu żgħir, il-kontribut tiegħi. Lest li ngħin bil-pjaċir kollu. JJ Camilleri.*

Dawn il-kelmtejn sinċieri li kitibli (naturalment fuq biċċa karta safra!) żammejthom f'qalbi għax ġejjin minn awtur eċċellenti imma mżejjen b'umiltà kbira. Għażiż 'JJ', ħu l-premju li jistħoqqlok, u grazzi ħafna tal-kitba li ħallejtilna. Inħossni fortunat li kelli kitba tiegħek fil-pubblikazzjonijiet li editjajt. *O Mulej, sabbar lill-ulied Joseph - Dennis, Roderick u Franklin u l-familjari tagħhom, u agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.*



Central Home
Independence Avenue, Mosta
AGE CONCERN Company Ltd
Tel: 21434178/9 • Fax: 21414440
email: info@ageconcernmalta.com

L-Għonnella



Souvenir Shop
Xogħol ta' Bizzilla u Ganutell
Lezzjonijiet ta' Bizzilla u Ganutell
Bozoz, Frames, Važuni, Materjal
Naċċetta ordnijiet ta' Head-dresses u Bukketti tal-Preċett.

Rose Marie Falzon
35, Bridge Street, Mosta
Tel: 2141 1207 - 2141 1828